DEĊIŻJONI TA' IMPLIMENTAZZJONI TAL-KUNSILL (PESK) 2019/1299

tal-31 ta' Lulju 2019

li timplimenta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 31(2) tiegħu,

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kunsill (PESK) 2015/1333 tal-31 ta' Lulju 2015 dwar miżuri restrittivi fid-dawl tas-sitwazzjoni fil-Libja u li tħassar id-Deċiżjoni 2011/137/PESK [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 12(2) tagħha,

Wara li kkunsidra l-proposta mir-Rappreżentant Għoli tal-Unjoni għall-Affarijiet Barranin u l-Politika ta' Sigurtà,

Billi:

(1) Fil-31 ta' Lulju 2015 il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333.

(2) F'konformità mal-Artikolu 17(2) tad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, il-Kunsill irrieżamina l-listi ta' persuni u entitajiet dežinjati li jinsabu fl-Annessi II u IV għal dik id-Deċiżjoni.

(3) L-entrata għal persuna waħda jenħtieġ li titneħħa mill-Anness II għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333, u l-entrati għal żewġ persuni jenħtieġ li jitneħħew mill-Anness IV għal dik id-Deċiżjoni.

(4) Jenħtieġ li d-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 tiġi emendata skont dan,

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

L-Annessi II u IV għad-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 huma emendati f'konformità mal-Anness għal din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ fil-jum wara dak tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Magħmul fi Brussell, il-31 ta' Lulju 2019.

Għall-Kunsill

Il-President

T. TUPPURAINEN

[1] ĠU L 206, 1.8.2015, p. 34.

ANNESS

Id-Deċiżjoni (PESK) 2015/1333 hija emendata kif ġej:

(1) fl-Anness II (Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 8(2)), l-entrata 1 (li tikkonċerna lil ABDUSSALAM, Abdussalam Mohammed) titħassar mil-lista li tinsab fil-Parti A (Persuni);

(2) fl-Anness IV (Lista ta' persuni u entitajiet imsemmija fl-Artikolu 9(2)),, l-entrati 1 (li tikkonċerna lil ABDUSSALAM, Abdussalam Mohammed) u 14 (li tikkonċerna lil AL-BAGHDADI, Dr Abdulqader Mohammed) jitħassru mil-lista li tinsab fil-Parti A (Persuni).